# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

### IMHALLEF

### ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2001

**Numru 36**

**Citaz. numru 96/91 DS**

Joseph Portelli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Roadhouse Buskett Limited
vs
Salvatore Brignano

Illum, 15 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Frar 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi fit-22 ta' Dicembru 1990 l-konvenut organizza lejla socjeta' b'ikla fil-Buskett Roadhouse, Buskett limiti tar-Rabat, liema fond huwa gestit mis-socjeta attrici.

Illi l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm853 bhala prezz ghal din is-serata, filwaqt li l-attur nomine ipprovda l-ikel u d-divertiment.

Illi xi saghtejn wara li bdiet is-serata, inqala hafna glied bejn uhud mill-persuni li attendew, bil-konsegwenza li gew ikkawzati diversi danni fil-fond Buskett Roadhouse, konsistenti fi hsarat fi twieqi, hi-fi equipment u fajjenza propjeta ta' l-attur nomine, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-attur nomine inoltre sofra danni konsistenti f'telf ta' qliegh li kien ser isir mill-Bar tal-Buskett Roadhouse dakinhar tas-serata.

Illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' Lm853 kif kien gie pattwit kif ukoll ghad-danni subiti mill-attur nomine fuq deskritti.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha kkawzati lill-attur nomine konsistenti fi hsarat u telf ta' qliegh dakinhar li saret l-ikla minnu organizzata fil-Buskett Roadhouse fid-data fuq indikata.

2. tillikwida l-istess danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm853 (tminn mija u tlieta u hamsin lira Maltija) rappresentanti prezz tal-ikla minnu organizzata fil-Buskett Roadhouse.

4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata bhala risarciment ghad-danni kollha minnu sofferti fl-imsemmija data u fl-okkazjoni in kwistjoni.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal…..ta' Jannar 1991 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi huwa ma ghandu b'ebda mod xi responsabilta' skond il-ligi ghad-danni talvolta kawzati lill-attur nomine minn terzi persuni li maghhom biss tista' tissussisti relazzjoni guridika li taghti lok tali responsabilita'.

2. Illi ma sar ebda ftehim bejn l-eccipjent u l-attur nomine kif allegat fic-citazzjoni odjerna fis-sens illi kellha tithallas lill-attur nomine s-somma ta' tmien mija u tlieta u hamsin liri Maltin.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Mejju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-8 ta' Marzu 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ftehmu li fit-22 ta' Dicembru 1990 jinzamm *dinner dance* fil-Buskett Roadhouse organizzat mill-konvenut li kien se jaghti xi trofej lir-rebbieha ta' *modelling competition*. Waqt din is-serata, xi nies li kienu prezenti bdew jiggieldu hekk kif kien ser jibda jitqassam l-ikel u sfrattaw is-serata kollha. L-attur nomine qieghed jippretendi minghand il-konvenut hlas fis-somma ta' Lm853 ghall-ikel kif ukoll hlas tad-danni li huwa sofra kemm f'dak li huwa tkissir kif ukoll ta' telf ta' profitti mill-*bar*. Il-konvenut jikkontendi li ma kien sar l-ebda ftehim dwar l-ikel ghall-ammont specifiku ta' Lm853 u dwar id-danni jsostni li hu mhuwiex responsabbli u l-persuni responsabbli fil-fatt kienu identifikati.

Fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-perit legali jghid hekk:

"L-attur, f'din il-kawza, qed jitlob minghand il-konvenut kemm il-hlas ghas-serata kif ukoll id-danni li sofra fis-sala minhabba l-glieda li nqalghet. Fil-kuntest tal-hsara minhabba l-glieda, l-esponenti ma jarax kif wiehed jista' jitfa' tort fuq il-konvenut ghal dak li gara. Il-konvenut la mstiga l-glieda u lanqas ippartecipa fl-istess u, kwindi, taht il-kuncett ta' delitt jew kwazi delitt ma jistax jinstab responsabbli. Persuna tkun responsabbli ghad-danni ghall-hsara biss li hi tikkaguna, u ma twegibx ghall-agir ta' haddiehor, hlief f'certi cirkostanzi specjali ndikati fil-ligi li ma jghoddux ghall-kaz in ezami.

Lanqas ma jidher li ghandu jwiegeb ghall-"breach of contract" ghax jekk is-serata sfrattat ma kienx tort tal-konvenut. Jirrizulta li din ma kienitx xi "private function", izda okkazjoni miftuha ghall-pubbliku, u min kellu biljett, seta' jidhol, ancorche' ma kellux x'jaqsam ma' l-attivita'. Min qala' l-glied ma giex indikat, ghalkemm ix-xhieda tal-konvenut twahhal

f’persuni mill-Belt li ma kellhomx x’jaqsmu ma’ l-attivita’ tieghu. Anke’ kieku l-glieda bdewha nies li xtraw biljett minghand il-konvenut, ma jfissirx b’daqshekk, li l-konvenut ghandu jwiegeb ghall-ghemil taghhom. Jekk persuna taghtiha rasha u taqbad glieda ma persuna ohra, ma jfissirx li min stieden lil dik il-persuna huma responsabbli! Fuq kollox, in-nies ma kienux maghzula, izda kull min ried jixtri biljett seta’ jigi, u bl-ebda mod ma rrizulta li l-konvenut dahal responsabbli ghan-nies li xtraw il-biljett minghandu. Min jorganizza attivita’ u johrog biljetti ghall-bejgh, ma jistax iwiegeb ghall-ghemil doluz ta’ dak li jkun xtara il-biljett minghandu (fin-nuqqas ta’ obbligazzjoni espressa) izda huwa dik il-persuna li ghamel il-hsara li ghandha twiegeb ghall-ghemil taghha. Dawk il-persuni, huma ghall-konvenut, terzi estranei u l-konvenut, kwindi, ma jwegibx ghan-nuqqasijiet taghhom. Obbligazzjoni tieghu kienet li jgib in-numru ta’ nies li kellhom ihallsu ghall-ikel; ghal izjed minn hekk ma jistax iwiegeb.

L-attur ighid li l-konvenut accetta li jhallas ghad-danni. Din, pero’, ma tirrizultax. Il-konvenut ma jaccettax illi huwa assuma r-responsabilita’, u anke’ mart l-attur ma qalitx li l-konvenut accetta li jhallas, izda biss li offra li jfittex lil dawk li qalghu l-glieda u wara jhallas. F’dan il-kuntest hija aktar verosimili t-tezi tal-konvenut li jghid li hu offra biex hu u l-attur jipprocedu flimkien kontra dawk in-nies biex kull naha tigbor it-telf taghha.

Mill-provi, jirrizulta inoltre, li l-prezz li kellu jhallas il-konvenut ma kienx ghas-sala per se, izda hu nghata prezz specjali ghall-ikel li kellu joffri l-attur. Basikament, il-konvenut ried jaghmel group booking, u nghata prezz specjali, izda l-organizzazzjoni tal-ikel u anke tax-show (zfin u magija) kienet f’idejn l-attur. Ma kienx il-konvenut li organizza s-serata fl-interezza taghha, izda kienet ikla organizzata mill-attur, bi prezz specjali offruta lill-grupp tal-konvenut, li kellu jiehu l-okkazjoni jqassam xi premijiet lir-rebbieha ta’ kompetizzjoni li kien ghamel. Dan ikompli jikkonferma n-nuqqas ta'’responsabilita' tal-konvenut ghal dak li gara dakinhar.

Fir-rigward tal-prezz tal-ikel, il-konvenut kien ibbukkja numru ta’ nies bi prezz specjali. Il-flus kellu jigborhom hu, u wara jghaddi l-persentagg miftieghem lill-attur. Jirrizulta li l-flus gabarhom u ghalkemm ma’ ndikax kemm gabar, xorta wahda ma jistax jaghmel qliegh ingust, billi jzomm ghalih flus ta’ ikla li ma saritx. Ma jirrizultax li l-konvenut irrifonda l-flus lura lin-nies li kienu hallsuh ghall-ikla, u kwindi ghandu jghaddi dawn il-flus lill-attur li nefaq spiza biex lahaq xtara u sajjar l-ikel u pprepara ghas-serata. Hu veru, li ma saritx l-ikla, la hu tort tal-attur u

lanqas tal-konvenut izda, ghalhekk, il-konvenut la ghandu jithalla jaghmel gwadan ingust (billi jzomm il-flus kollha li rcieva) u lanqas l-attur ma ghandu, sa fejn hu possibli, jithalla jaghmel telf ingust.

Sfortunatament, ebda parti ma pprezentat numru ezatt ta' kemm persuni dahlu da parti tal-konvenut u li minn ghandhom il-konvenut ircieva l-flus. Il-konvenut ighid li kien hemm madwar 120 ruh minn tieghu, izda ma jghidx kemm minn dawn kienu adulti u kemm zghar. Fin-nuqqas ta' prova ohra, l-esponenti jahseb li figura ta' 140 tkun aktar realistika. L-esponenti, wkoll, jhoss li, fic-cirkostanzi, ghandu jqis dan in-numru bhala kollha adulti, u kwindi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm3.50 b'140, cioe' Lm490."

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali li ghad-danni li sofra l-attur nomine, il-konvenut ma jistax jinzamm responsabbli. Dawn id-danni gew kawzati minn persuni li gew identifikati. Sahansitra ttiehdu proceduri kriminali kontra taghhom u l-attur stess ighid li ghalkemm gie mharrek biex jixhed f'dawk il-proceduri huwa ma ssejjahx biex jixhed u ma jafx kif spiccat il-kawza. Kien zgur fl-interess tieghu li jottjeni l-informazzjoni mehtiega dwar tali persuni u anke dwar l-ezitu tal-kawza kriminali. Bhall-perit legali, ma tarax wisq verosimili li l-konvenut assuma r-responsabbilta` kollha ghall-akkadut. Mart l-attur stess tghid li l-konvenut qal li se jfittex lil dawk li qalghu l-glieda u wara jhallashom. U l-konvenut isostni li kien ftiehem ma' l-attur biex jippruvaw isibu min kienu dawk il-persuni u jfittxuhom flimkien. Ghalhekk it-talbiet ta' l-attur nomine fir-rigward tad-danni li huwa sofra ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tal-konvenut.

Dwar il-prezz ta' l-ikla jirrizulta li l-attur qed jippretendi s-somma ta' Lm853. Huwa xehed li wasal ghal din il-figura wara li baghat l-ittra Dok. A lill-konvenut u dan sussegwentement infurmah bin-numru ta' nies li kienu se jattendu, kemm kbar kif ukoll zghar. Pero` fix-xiehda tieghu ma ta l-ebda indikazzjoni ta' numri u ta' kif dawn kienu mqassmin. Il-konvenut isostni li genituri kellu xi 120 waqt li fis-sala kien hemm aktar minn 400 ruh prezenti. Il-perit legali *arbitrio boni viri* qies bhala aktar realistika figura ta' 140. Filwaqt li l-Qorti ssib li m'ghandhiex ghalfejn tiddipartixxi minn din il-figura, jirrizulta li ghal din is-serata kien hemm ukoll bosta tfal u jekk wiehed jistrieh fuq dak li qal il-konvenut li kellu xi 120 genitur, allura jrid jitqies li almenu kien hemm 60 tifel u tifla. Konsegwentement is-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur nomine trid tizdied b'Lm120 (Lm2 x 60), b'kollox ghalhekk Lm610.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet attrici filwaqt li tilqa' t-tielet talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm610 u b'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm610 bhala prezz ta' l-ikla organizzata fil-Buskett Roadhouse fit-22 ta' Dicembru 1990 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur